VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,598, 24 ta' Ġunju, 2016
Taqsima B

A.L. 229 tal-2016

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

Regolamenti tal-2016 dwar il-Preżentata ta' Ittri Uffiċjali permezz ta' Mezzi Elettroniċi fil-Qrati ta' Malta u Għawdex

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 1009A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2016 dwar il-Preżentata ta' Ittri Uffiċjali permezz ta' Mezzi Elettroniċi fil-Qrati ta' Malta u Għawdex.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fit-30 ta' Ġunju, 2016.

Tifsir.

2. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, l-espressjoni "permezz ta' mezzi elettroniċi" għandha tfisser *online*.

Kif jitħaddem il-mekkaniżmu elettroniku.

3. (1) Għandu jkun hemm mekkaniżmu elettroniku li permezz tiegħu ittri uffiċjali, li ma jkunux jirrikjedu l-ġurament, ikunu jistgħu jiġu ppreżentati *online* fil-Qrati ta' Malta u Għawdex.

(2) Dawn ir-regolamenti japplikaw biss għal ittri uffiċjali li ma jirrikjedux illi l-persuna li tkun qegħda tippreżenta l-istess tieħu l-ġurament fuq l-istess att.

(3) Kull avukat jew prokuratur legali li jkun jixtieq jippreżenta ittra uffiċjali, kif indikat f'dawn ir-regolamenti, fil-Qrati ta' Malta u Għawdex b'mod *online* jista' tagħmel dan billi jippreżenta l-istess ittra uffiċjali *online* permezz tas-sit appożitu u jħallas id-dritt preskritt mil-liġi.

Responsabbiltà tar-Reġistratur u meta jitqiesu li ġew ippreżenatti l-atti.

4. (1) Ir-Reġistratur tal-Qorti jew persuni minnu delegati jistgħu jirċievu ittri uffiċjali ppreżentati *online*.

(2) Ir-Reġistratur tal-Qorti għandu joħroġ kopja tal-ittri uffiċjali ppreżentati *online* u l-kopja hekk maħruġa mir-Reġistratur għandha titqies għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi bħala l-oriġinal.

(3) Ittri uffiċjali ppreżentati *online* għandhom jitqiesu għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi daqslikieku ġew ippreżentati direttament fir-Reġistru tal-istess Qorti:

VERŻJONI ELETTRONIKA

Kap. 12.

Iżda meta ittra uffiċjali tiġi ppreżentata *online* barra mill-ħinijiet tal-ftuħ tar-reġistru kif stabbiliti skont il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, dak l-att għandu jitqies illi ġie ppreżentat fl-ewwel ġurnata li jkun imiss tal-ftuħ tal-istess reġistru.